


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [In-NĠE Fil-kwistjonijiet Ċivili U Kummerċjali](#) [Dwar In-Networks](#) > [Slovenja](#)

Dwar in-Networks

 Slovenja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

In-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali (NĠE) jopera fis-Slovenja permezz ta' tliet punti ta' kuntatt u 23 membru fin-network.

Il-punti ta' kuntatt huma impjegati fil-Ministeru għall-Ġustizzja Sloven, li jfisser li x-xogħol tal-punt ta' kuntatt jista' jiġi ġestit u kkoordinat kuljum.

Fis-Slovenja, l-assistenza legali internazzjonali dwar materji ċivili u kummerċjali hija r-responsabbiltà tal-qrati distrettwali (*okrožna sodišča*), li minnhom hemm 11. Dan ifisser li, f'konformità mal-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tan-NĠE [1], is-Slovenja ħatret rappreżentant wieħed minn kull qorti distrettwali bħala membru tan-NĠE. Is-Slovenja ħatret ukoll membru speċjalizzat wieħed tan-network (imħallf) biex ikollu l-kompetenza għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet tal-familja.

Barra minn hekk, fl-2019, erba' membri tan-network (imħallfin distrettwali) inħatru b'kompetenza għar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent tal-liġi applikabbli u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, u erba' membri tan-network (imħallfin distrettwali) inħatru b'kompetenza għall-proċeduri tal-UE (ordni ta' ħlas Ewropea, proċedura għal talbiet żgħar, ordni Ewropew ta' Infurzar).

Wara d-Deċiżjoni emendata tan-NĠE [2] fl-2009, ir-rappreżentanti ta' professjonijiet legali oħra tħallaw jikkooperaw fin-NĠE, ukoll. B'hekk, mill-2011 'il quddiem, il-Kamra tan-Nutara tas-Slovenja (*Notarska zbornica Republike Slovenije*), il-Kamra tal-Avukati tas-Slovenja (*Odvetniška zbornica Republike Slovenije*) u l-Kamra tal-Aġenti ta' Eżekuzzjoni tas-Slovenja (*Zbornica izvršiteljev Slovenije*) ukoll kienu membri tan-network.

L-involvement ta' mħallfin u professjonisti legali oħrajn fin-NĠE huwa element vitali għall-ksib tal-għanijiet tan-NĠE, peress li jiżgura kooperazzjoni diretta bejn l-imħallfin u l-professjonijiet legali l-oħrajn, li hija importanti għar-riżoluzzjoni b'inqas intoppi ta' kawżi attwali li jitrezzqu quddiem il-qrati.

Il-punti ta' kuntatt u l-membri fin-network tan-NĠE jikkomunikaw fuq bażi frekwenti u skont il-bżonn permezz tal-email, it-telefon u wiċċ imb wiċċ u jiltaqgħu kull sena f'laqgħat nazzjonali.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001), emendata permezz tad-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 168/2009, 18.6.2009).

[2] Id-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 168/2009, 18.6.2009).

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.